# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1145/19/1 MH**

**Jeffrey Cilia**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti Prinċipali**

1. L-attur appella mis-sentenza li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat fit-22 ta' Novembru 2023, u li biha ddeċidiet li ma saritx is-sejħa skont l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 u laqgħet l-ewwel eċċezzjoni.

## Preliminari

2. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019, l-attur fetaħ il-kawża u ippremetta u talab:

*"1. Illi l-esponenti kien jokkupa l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija u kellu proceduri penali kontra tieghu. Illi huwa kien sospiz fuq process minnhom izda mhux fuq iehor. Illi susegwentement l-esponenti kien gie misjub hati u per konsegwenza kien ghadda process minkejja li l-process li ghadda minnu quddiem il-PSC ma kienx dak li ghalih huwa kien sospiz mix-xoghol tieghu;*

*2. Illi l-esponenti dejjem sahaq li tali proceduri ma' kellhomx iwassalu ghat-tkeccija u stante li r-rizenja kienet wahda fakoltativa huwa ma' kellux per konsegwenza jigi mtellef il-pensjoni tas-servizz li huwa intitolat ghaliha u anqas ma' kellu jitlef il-flus f differenza fil-paga ghaz-zmien li huwa ghamel sospiz;*

*3. Illi minkejja dana kollu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija b'avviz datat 3 ta' Gunju 2019 gharraf lill-esponenti li dana ma' kienx ser jiehu l-arretrati tal-flus li kien tilef u stiednu jirrizenja mill-kariga tieghu [dok a];*

*4. Illi l-agir tal-intimati huwa agir amministrattiv li jmur kontra dak li l-Ligi b'mod iehor tistipula u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana l-umli rikors. Illi ghalhekk l-esponenti ghandu jinghata rimedju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara li d-decizjoni tal-intimati tat-3 ta' Gunju 2019 hija nulla, invalida u bla effett stante li:*

*A. Hija ultra vires ghar-ragunijiet fuq spjegati u dana fir-rigward ta' l-artikolu 469A [1][B][iv] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-eghmil imur mod iehor kontra l-Ligi;*

*BI-ispejjez u b'riserva ghal-likwidazzjoni ta' danni skond il-Ligi li gew ikkawzati lir-rikorrenti b'tali agir;"*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-7 ta' Frar 2020[1], il-konvenuti wieġbu:

*"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Eċċezzjonijiet preliminari*

*1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti;*

[1] Fol. 12.

*2. Illi l-esponent Segretarju Permanenti Principali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mill-attur u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi l-esponenti jecepixxu illi r-rikors guramentat huwa pjuttost neboluz u ma jikkontjenix dikjarazzjoni tal-fatti cara kif graw u ghalhekk l-esponenti qieghdin jirrizervaw minn issa illi jressqu eccezzjonijiet ulterjuri una volta l-attur jikkjarafika l-pretensjonijiet tieghu ai termini tal-Ligi;*

*Eċċezzjonijiet fil-mertu*

*1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

*2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

*3. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-fatti kif proposti mill-attur huma neboluzi u f'diversi cirkostanzi skoretti. Ghaldaqstant l-esponenti ser jghaddu sabiex jressqu sintenzi tal-fatti kif maghrufa lilhom:*

*Illi fis-26 ta' Dicembru 2011 l-esponent Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi hareg charges kontra l-attur u rrakomanda li l-attur jigi sospiz sakemm il-kas jigi deciz. Il-PSC ghamlet rakomandazzjoni fit-12 ta' Jannar 2012 illi l-attur jigi interdett fil-funzjoni tal-kariga tieghu. Fl-10 ta' April 2012 l-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lill-PSC li charges godda ingabu kontra l-attur u li l-attur diga kien sospiz dwar l-ewwel kas. Fid-19 ta' April 2012 il-Prim Ministru approva r-rakomandazzjoni tat-12 ta' Jannar 2012 ghas sospenzjoni tal-attur. Fit-30 ta' Settembru 2015 l-attur instab hati fil-proceduri fl-ismijiet hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017.*

*Fl-4 ta' Jannar 2018, il-PSC irrakomandat illi minhabba n-natura ta' charges dwar liem l-attur kien misjub hati (fit-30 ta' Novembru 2017) huwa jitlef is-salarju mizmum ghal-perjodu li huwa gie sospiz u li jigi mkecci mis-servizz pubbliku. F'Marzu tal-2018 l-attur gie mistieden mill-PSC sabiex jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub kontra r-rakomandazzjoni ghat-tkeccija tieghu. L-avukat tal-attur sostna jkun floku illi jsiru sottomissjonijiet orali u ghaldaqstant giet iffisata seduta fl-24 ta' Mejju 2018. Minkejja dan l-attur talab ghal differiment ta' dik is-seduta ghad-21 ta' Gunju 2018. qabel id-data l-attur talab differiment iehor ghal-Lulju. Fl-ahhar seduta f'Lulju l-attur u l-avukat tieghu kienu assenti u ghalhekk il-Kummissjoni ma rat l-ebda raguni ghalfejn m'ghandiex tkompli bir-rakomandazzjoni taghha lill-Prim*

*Ministru. Il-Prim Ministru fis-16 ta' Lulju 2018 approva r-rakomandazzjoni sabiex jigi mkecci mis-servizz pubbliku l-attur u ma jinghatax s-salarju mizmum ghal perjodu li kien sospiz. Fl-24 ta' Lulju 2018 l-attur gie infurmat bil-miktub b'din ir-rakomandazzjoni. Fit-28 ta' Jannar 2019 l-avukat tal-fiducja tal-attur talab illi ai termini tal-artikolu 32 (1) (b) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jitqies bhala rizenjat minflok imkecci u li jinghata lura s-salarju mizmum ghal perjodu waqt li kien sospiz. Fil-25 ta' Marzu 2019 il-PSC irrevediet ir-rakkomandazzjoni taghha u bidlita fis-sens illi rrakomandat li l-attur jitqies bhala rizenjat mis-16 ta' Lulju 2018 minflok imkecci u dan ai termini tal-artikolu 32 (1) (b) tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta imma li s-salarju jibqa jitqies xorta bhala mitluf. Il-Prim Ministru fil-approva tali rakomandazzjoni. L-attur ma effetivament ressaq ir-rizenja tieghu imma gie deemed as resigned b'effett minn 16 ta' Lulju 2018;*

*4. Illi fir-rigward tat-talba maghmula fl-ittra datata 3 ta' Gunju 2019 fil-konfront tal-attur sabiex jressaq ir-rizenja tieghu b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 minhabba illi instab hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017, l-esponent jirrilevaw illi dan l-ordni ttiehed ai termini tal-artikolu 32 (1) (B) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala ghemil amministrattiv li jmur kontra l-Ligi ;*

*5. Illi l-esponenti jecepixxu illi nofs s-salarju tieghu illi gie mizmum waqt illi kien sospiz mill-kariga tieghu ma inghatax lura minhabba illi l-attur instab hati ta' reat serju fil-proceduri Kriminali (Appell Nru. 443/2015) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) (Spettur Darren Buhagiar) vs Jeffrey Cilia" fit-30 ta' Novembru, 2017 u gie meqjus li rrizenja b'effett mis-16 ta' Lulju 2018. Illi ghaldaqstant l-agir tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jiffigura fl-artikolu 12 (7) tal-PSC Disciplinary Procedure Regulations, 1999 (Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) applikabbli bhala ligi vigenti ta' dak iz-zmien;*

*6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-attur m'huwiex intitolat ghal pensjoni tas-servizz stante illi huwa gie sospiz mill-kariga tieghu u gie mitlub jirrizenja (ai termini tal-artikolu 32 (1) (B) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta) minflok jigi mkecci wara talba tal-avukat tieghu stess sabiex tigi riveduta tali posizzjoni. Illi gialadarba ai termini tar-regolament 3 tar-raba' skeda tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, is-servizz tieghu gie kkunsidrat bhala maqtugh l-attur m'ghamilx il-hamsa u ghoxrin (25) sena fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija u ghaldaqstant ma jikkwalifikax ghal tali pensjoni. Ghalhekk l-ghemil amministrattiv jinkwadra bhala wiehed legalment korrett;*

*7. Illi ghalhekk l-ghemil amministrattiv li qieghed jigi mitlub li jistharreg ma jmur bl-ebda mod kontra l-Ligi ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*8. Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l-esponenti jeċepixxu illi ċertament li l-esponent ma agixxewx in mala fede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma jwiegbu għall-ebda danni;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent".*

4. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet hekk:

*"Konsegwentement fuq skorta ta' dak hawn premess din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni bil-konsegwenza li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż għalih".*

5. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

*"**2. Eċċezzjoni ai teminu ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12.***

*i. Stabbilit il-pern u l-lanjanza ta' din il-vertenza huwa opportun u inkombenti, minħabba n-natura tagħha, lil Qorti titratta l-ewwel eċċezzjoni avvanzata. Taqra:-*

> *"Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċeppixxu n-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti".*

*ii. jingħad li l-intimati biex issaħħhu id-difiża mressqa tramite din l-eċċezzjoni ta' natura proċedurali ċċittaw diversi sentenzi tal-Qrati nostrali fir-rigward. Il-Qorti tħoss li ukoll għandha tirrikorri għal tagħlim ġurisprudenżjali n soluzzjoni ta' din il-vertenza aktar u aktar meta kif se naraw mhux dejjem il-Qrati kienu eżatt konformi fil-ħsieb.*

*....*

*vi. Għalkemm dak appena ċitat kienu deċiżjonijiet li ttieħdu fi sfond ta' referenza kostituzzjonali, però din il-Qorti minn hemm tislet kemm fil-fatt hija tajba l-eċċezzjoni mressqa. L-għola Qorti ta' pajjiżna irrikonoxxit dan għax sabet l-għan leġittimu u proporzjonat għala din l-liġi ta' ordni pubblika għandha tiġi applikata kif senjalat b'tipa grassa minn din il-Qorti. Dan dejjem għad-differenza ta' dak li kkunsidrat mill-*

*għola Qorti dwar is-sura ta' l-att li għandu jservi għal din l-interpellazzjoni li żgur mhux ta rigward għal vertenza in kwantu ma saret ebda.*

*3. Huwa vera li dan l-artikolu, ġia fin-neċessita' tiegħu li timponi l-interpellazzjoni lil Gvern tal-vertenza pretiża jinħass anakronistiku. Vera ukoll li saru anke tentattivi li dan jiġi mibdul. Però in kwantu hu ta' ordni pubbliku, u dan mhux kontestat, ma jistax jiġi rinnunżjat, għalkemm kif ġia ngħad jrid ikun interpretat b'mod ristrettiv. Pero jinħtieġ jinftiehem ukoll illi dan il-vantagg li tant jidher ixxaqleb lejn il-Gvern, joffri fin-nnifsu vantaġġ ikbar liċ-ċittadin li fil-maġġor parti mhux mogħni bis-setgħa finanzjara tal-Gvern, u jaf li bit-transazzjoni u ftehim, jiffranka spejjeż ġudizzjarji konsiderevoli lil parti allegatament milquta b'xi deċiżjoni.*

*4. Din il-Qorti tara li ġie preżentat Protest Ġiudizzjarju datat 28 ta' Novembru, 2013 li ma jirrelata xejn ma l-istħarrig ġiudizzjarju in eżami. Ġiet preżentata ukoll ittra uffiċċjali datata 15.01.2014, ukoll estraneja għal vertenza, u dan il-Qorti kkonstatatu minn verifiki li għamlet hi.*

*Fl-aħħar nota tiegħu, preżentata qabel l-aħħar differiment, ir-rikorrenti jinsisti li l-protest minnu preżentat tas-sena 2013 kien validu u floku għal l-iskop ta' din il-kawża. Il-Qorti ma tikkonvidi xejn dan il-ħsieb u tagħti raġun komplet lil Avukat ta' l-Istat f'dak minnu espost fl-aħħar nota responsiva tiegħu. Il-Protest Ġiudizzjarju msemmi, kien jindirizza l-vertenza tas-sospensjoni tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' smiegħ fir-rigward quddiem l-PSC, ukoll lir-rikorrenti kellu jingħata l-opportunita' li jitħalla jipparteċipa fl-eżerċizzju ta' promozzjoni. Dak li okkorra wara, u li hu l-mertu ta' dan l-istħarrig ġiudizzjarju jmur oltre u fil-fatt dak li hu indirizzat fir-rikors promotur jiżboq għal kollox dak trattat f'dak il-protest, kif sew indikat mill-Avukat ta' l-Istat fl-aħħar nota tiegħu.*

*Kull ma kellu jagħmel ir-rikorrenti kien li fi protest ulterjuri, jindirizza dak li okkorra mis-snin 2013 sas-sena 2019, li ċertament ma setax jagħmlu b'xi illuminazzjoni futuristika u jolqot l-operat tal-Kummissjoni u tal-Kummissarju bil-protest tas-sena 2013, dan meta issa jindirizza deċiżjonijiet li jaffettwaw is-salarju, (nofs dak miżmum), il-pensjoni u in partikolari l-aħħar seduta quddiem il-P.S.C, ukoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta, kif del resto indirizzat fir-rikors promotur".*

## **<u>L-Appell</u>**

6. L-attur appella b'rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2023 fejn ilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li m'osservax dak li jrid l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12. Dan għaliex:

i. Il-kawża hi milquta minn terminu ta' sitt xhur (Art. 469A(3) tal-Kap. 12) u għalhekk, taħt il-proviso tal-Artikolu 460(2) tal-Kap. 12, eżenti mill-obbligu li għaxart ijiem qabel l-intimati jiġu notifikati b'att ġudizzjarju kif ravviżat fl-Artikolu 460(1) (l-ewwel aggravju); u

ii. matul il-proċeduri li mbagħad wasslu għad-deċiżjoni kontestata, kienu ntbagħtu żewġ atti ġudizzjarji oħra lill-Kummissarju tal-Pulizija / lill-Gvern, *ossia*, protest ġudizzjarju fit-28 ta' Novembru 2013 u ittra uffiċjali fil-15 ta' Jannar 2014. Magħdud ma' dan, l-appellant jargumenta wkoll illi hemm sentenzi tal-qrati tagħna li ddikjaraw li l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 huwa leżiv (it-tieni aggravju).

7. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet kontenuti f'dana r-rikors tal-appell".*

8. Il-konvenuti wieġbu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. L-Artikolu 460 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

*"460.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*

*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*

*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*

*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

***u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.***[2]

*(3) ..."*

10. Il-fatti prinċipali kienu dawn:

10.1. L-attur daħal fil-korp tal-Pulizija fl-1 ta' Frar 1992. Imbagħad fl-10 ta' Ġunju 1998 ħa l-grad ta' Surġent u fit-8 ta' Lulju 1999 sar Spettur[3];

[2] Enfasi tal-Qorti.
[3] Fol. 1149 *et seq*.

10.2. Fit-23 ta' Diċembru 2011 l-attur tressaq il-Qorti b'arrest, akkużat li fit-22 ta' Diċembru 2011 ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq persuna, u dakinhar stess ġie infurmat mill-Kummissarju konvenut illi huwa kien qiegħed jiġi temporanjament sospiż skont ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku;

10.3. Il-Kummissarju konvenut informa b'dan lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li, da parti tagħha, tat ċans lill-attur iwieġeb. It-tweġiba tal-attur, datata 4 ta' Jannar 2012, ġiet imbagħad mibgħuta lill-Kummissarju għall-kummenti tiegħu[4];

10.4. Fit-12 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Prim Ministru li l-attur jkun interdett fil-funzjoni tal-kariga tiegħu[5];

10.5. Fil-31 ta' Marzu 2012 l-attur reġa' tressaq il-Qorti taħt arrest fuq każ separat akkużat li fid-29 ta' Marzu 2012 u 30 Marzu 2012 *inter alia* hedded lill-Kummissarju konvenut u lid-Deputat Kummissarju ta' dak iż-żmien. Il-Kummissarju informa b'dan lill-Kummissjoni u għarrafha wkoll li l-attur kien diġà sospiż fuq każ separat[6];

---

[4] Fol. 1149.
[5] Fol. 1162.
[6] Fol. 1100, 1149.

10.6. Fil-frattemp infetħu proċeduri kriminali oħra kontra l-attur fejn ġie akkużat bi vjolenza domestika. B'rabta ma' dan il-każ, il-Kummissarju kien ukoll għadda biex jissospendi lill-attur temporanjament. Madankollu, billi l-Qorti kienet iddikjarat il-proċediment eżawrit, il-Kummissarju kien informa lill-Kummissjoni li ma kellux intenzjoni li jieħu passi dixxiplinarji ulterjuri[7];

10.7. Fid-19 ta' April 2012 il-Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni sabiex l-attur ikun interdett mill-kariga[8];

10.8. Permezz ta' protest ġudizzjarju ppreżentat fit-28 ta' Novembru 2013, l-attur odjern interpella lill-Kummissarju llum konvenut, lill-Avukat Ġenerali u lill-Onor. Prim Ministru u Ministru għall-Intern sabiex iwaqqfu s-sospensjoni tiegħu u jawtorizzawh japplika sabiex jipparteċipa fl-eżerċizzju ta' promozzjoni[9];

10.9. B'ittra uffiċjali tal-15 ta' Jannar 2014 li l-attur bagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija, għamel referenza għall-ittra tad-9 ta' Jannar 2014 li kien bagħatlu l-Kummissarju. L-att ġudizzjarju jirreferi għall-proċess ta' promozzjonijiet fil-grad ta' supretendent, li kien għaddej fil-

[7] Fol. 1149.
[8] Fol. 1156.
[9] Fol. 1227 *et seq.*

korp tal-Pulizija. Fiha l-attur informa lill-Kummissarju tal-Pulizija li dak li qal presumibbilment fl-imsemmija ittra, ma kienx konfermat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Semma wkoll li kien sospiż mix-xogħol u li *"għalhekk din l-kwistjoni trid tiġi wkoll indirizzata"*.

10.10. L-akkużi tal-31 ta' Marzu 2012 kienu deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru 2015 li sabitu ħati ta' diversi imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' xahrejn, li bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 ordnat li ma tidħolx fis-seħħ ħlief f'każ ta' reċidività, u għall-ħlas ta' multa ta' €2,000. Skwalifikatu wkoll milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' sitt xhur. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru 2017 l-appell tiegħu kien miċħud[10];

10.11. Fl-4 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni kienet tal-fehma li minħabba r-reat li l-attur instab ħati li wettaq permezz tas-sentenza fuq imsemmija, kellha tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru li l-penali addatta fiċ-ċirkostanzi kellha tkun it-tkeċċija mis-Servizz Pubbliku u t-telfien tas-salarju li kien miżmum lilu waqt il-perjodu tal-interdizzjoni[11];

---

[10] Fol. 619 *et seq*.
[11] Fol. 1157.

10.12. Nhar il-5 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni għarrfet lill-attur b'dan u tatu żmien iwieġeb[12]. Laqgħet talba biex jagħmel sottomissjonijiet bil-fomm u għal dan il-għan ingħataw diversi posponimenti. Fil-jum iffissat għas-smigħ tal-5 ta' Lulju 2018[13], nofs siegħa qabel il-ħin tas-seduta, ġara illi avukat ieħor mill-uffiċċju tal-avukat tal-attur (Dr. Ismhael Psaila) informa lill-Kummissjoni li l-avukat tal-attur (Dr. Edward Gatt) kien imsiefer[14]. Wara li l-Kummissjoni tat lill-attur nofs siegħa ċans wara l-ħin skedat biex jippreżenta ruħu, u baqa' ma tfaċċax[15], ipproċediet bir-rakkomandazzjoni tagħha sabiex l-attur '*forfeits the half salary withheld during the period of precautionary suspension and be dismissed from the Public Service.*'[16]

10.13. Skont l-attur, l-avukat Psaila kien ċempillu biex jinfurmah li l-Kummissjoni nsistiet li hu għandu jippreżenta ruħu għas-seduta xorta waħda, iżda sakemm wasal il-Kummissjoni kienet żarmat[17];

10.14. Fis-16 ta' Lulju 2018 il-Prim Ministru approva rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u b'ittra datata 24 ta' Lulju 2018 l-attur kien avżat li d-deċiżjoni kienet li jitlef in-nofs salarju miżmum waqt is-sospensjoni u jiġi mkeċċi mis-Servizz

[12] Fol. 1152.
[13] Fol. 1117.
[14] Fol. 1157.
[15] Fol. 1157.
[16] Fol. 1163.
[17] Fol. 29.

Pubbliku.[18] Madankollu, wara li huwa talab ir-rikonsiderazzjoni tal-istess (ara ittra legali datata 28 ta' Jannar 2019 li biha l-attur talab lill-Kummissjoni sabiex tirrakkomanda li huwa jirriżenja minflok jitkeċċa u biex ma jitlifx nofs is-salarju miżmum lilu matul il-perjodu ta' sospensjoni)[19], id-deċiżjoni ġiet parzjalment revokata u minflok it-tkeċċija l-attur ġie mitlub jirreżenja b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 *ai termini* tal-Art. 32(1)(b) tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164). Id-deċiżjoni dwar it-telfien tas-salarju miżmum waqt il-perjodu tal-interdizzjoni baqgħet l-istess[20];

10.15. L-attur imbagħad talab li jirċievi pensjoni b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 iżda kien infurmat li l-perjodu li matulu kien sospiż ma kellux jgħodd mas-servizz li kien għamel fil-korp għall-fini ta' pensjoni u dan għaliex is-sospensjoni kienet marbuta ma' kondotta ħażina (Regolament 3 tar-Regolamenti tal-1990 dwar il-Pensjonijiet tal-Pulizija)[21]. B'ittra tat-3 ta' Ġunju 2019[22] ġie wkoll mgħarraf li, *ai fini* tal-istess Regolamenti, ma kienx eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz;

10.16. Fis-27 ta' Ġunju 2019 l-attur ikkontesta dik id-deċiżjoni[23] għaliex sostna li huwa kien ġie sospiż dwar proċeduri oħra li minnhom

[18] Fol. 1098, 1151, 1157.
[19] Fol. 1114.
[20] Fol. 1158, 1164 (rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru datata 15 ta' Marzu 2019).
[21] Fol. 1151 para. 25.
[22] Fol. 723.
[23] Fol. 722, 31, 33, 35.

kien ġie liberat u dwarhom kien għad hemm pendenti appell tal-Avukat Ġenerali[24];

10.17. Fl-24 ta' Lulju 2019 il-Kummissarju konvenut wieġeb għall-ittra tal-attur tas-27 ta' Ġunju 2019 kif ġej:

> *"Ġentilment ngħarrfek li kuntrarjament għal dak li qed tgħid int fl-imsemmija ittra, is-Sur Ċilia kien meqjus kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bħala sospiż ukoll għall-każ in kwistjoni.*
>
> *Għaldaqstant, kif approvat il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-klijent tiegħek ser ikun meqjus li hu rreżenja mill-Korp b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 u li skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet tal-Pulizija 1990, hu ma jkunx intitolat għal pensjoni tas-servizz"[25];*

10.18. Fit-3 ta' Diċembru 2019, l-attur ippreżenta din il-kawża fejn, a bażi tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap. 12, impunja d-deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2019 għaliex skontu, il-proċeduri li għadda minnhom quddiem il-Kummissjoni:

> *"ma kellhomx iwasslu għat-tkeċċija u stante li r-riżenja kienet waħda fakoltattiva huwa ma kellux per konsegwenza jiġi mtellef il-pensjoni tas-servizz li huwa intitolat għalih u anqas ma kellu jitlef il-flus f'differenza fil-paga għaż-żmien li huwa għamel sospiż".*

11. Għalhekk, l-uniċi żewġ atti ġudizzjarji li l-attur innotifika l-Gvern bihom saru fl-2013 u 2014 meta kien sospiż pendenti l-eżitu tal-proċeduri

---

[24] Dawk il-proċeduri ġew finalment deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Frar 2022, li permezz tagħha l-attur instab ħati limitatament għall-ksur tal-Artikoli 338(bb) u 95 tal-Kap. 9. Għal dik tal-ewwel ġie kkundannat twiddiba filwaqt li għal dik tal-aħħar ġie kkundannat għall-multa ta' €200. Ara sentenza a fol. 1135 *et seq*.
[25] Fol. 1088.

kriminali kontrih. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru 2017 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, kif approvata mill-Prim Ministru, li l-attur jitlef is-salarju miżmum għall-perjodu li huwa ġie sospiż u li huwa jiġi meqjus li rreżenja mill-kariga pubblika tiegħu b'effett mis-16 ta' Lulju 2018, ilkoll ingħataw ferm wara. M'hemmx dubju allura li l-atti ġudizzjarji tal-2013 u 2014 ma setgħu qatt iservu bħala sejħa għall-finijiet tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 rigward il-mertu tal-kawża.

12. Fl-ewwel aggravju l-attur jgħid iżda li, tenut kont tal-esklużjoni li tinsab fil-proviso tas-sub-paragrafu (2) tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12, tali notifika ma kinitx meħtieġa.

13. Il-proviso inkwistjoni effettivament jipprovdi illi s-subartikolu (1) ma japplikax meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi *"għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari magħdud terminu jew żmien ieħor"*. L-Artikolu 469A jipprovdi għall-ftuħ ta' kawża sabiex isir stħarriġ ta' għemil amministrattiv. F'dik id-dispożizzjoni ma nsibu l-ebda proċedura partikolari.

14. Il-kawża li fetaħ l-attur hi waħda ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv (Artikolu 469A tal-Kap. 12). Għalkemm hemm terminu perentorju li fih kawża bħal dik tista' tinfetaħ, ma jistax jingħad li sabiex tinfetaħ għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari differenti minn kawżi oħra.

15. Madankollu llum hemm ġurisprudenza, li l-attur irrefera għaliha fit-tieni aggravju, li dwar l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 qalet hekk:

> *"22. Illi madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur naqas milli jikseb il-bilanc rikjest fejn si tratta tal-konsegwenzi ghan-nuqqas ta' aderenza mar-rekwiziti imposti f'dan l-artikolu. Ghalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-artikolu m'humiex partikolarment oneruzi, u lanqas ma huma l-unici kazijiet fejn il-ligi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel l-intavolar ta' kawza, il-konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-individwu illi josservahom, u cioe` l-nullita` tal-att, hija devastanti ghaliex, specjalment f'kazijiet ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A, tista' twassal ghat-telfien permanenti tad-dritt ghal stharrig fil-mertu tal-ilment tac-cittadin. Il-Qorti taccetta illi l-ghan li ghalih huwa mahsub dan l-artikolu huwa wiehed necessarju u fl-interess pubbliku, pero` ssibha difficli tifhem kif sanzjoni tant severa u odjuza hija wkoll necessarja u fl-interess pubbliku, u filfatt l-ebda gustfikazzjoni ghaliha ma tressqet mill-appellanti.*
>
> *23. Mill-analizi illi ghamlet l-ewwel Qorti tal-gurisprudenza relattiva ghal dan l-artikolu, jirrizulta, kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, kemm illi hemm nuqqas ta' certezza legali minhabba illi l-ezistenza ta' gurisprudenza konfliggenti fir-rigward ta' dan l-artikolu, u kif ukoll element ta' formalizmu eccessiv tant illi skont il-gurisprudenza tal-qrati lanqas biss huwa permess ghal Gvern illi jirrinunzja ghan-nullita` imposta f'dan l-artikolu, u aghar minn hekk hemm gurisprudenza illi tissugerixxi illi n-nullita` imposta f'dan l-artikolu hija ta' portata tali illi fejn individwu ma jkunx aderixxa ruhu strettament mar-rekwiziti ta' dan l-artikolu, ir-rikors guramentat tieghu lanqas biss ghandu jigi accettat mir-registratur, b'mod illi lanqas biss jasal quddiem il-qorti. Inoltre, kif jidher mill-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti, hemm sahanistra sentenzi li jsostnu illi n-nullita` tolqot anke l-azzjoni fil-konfront ta' cittadini ordinarji li jkunu gew intimati fil-kawza flimkien mal-Gvern, nonostante l-fatt illi m'hemm l-ebda htiega fil-ligi illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 460 jigu osservati anke fir-rigward tac-cittadin ordinarju meta xi hadd mill-intimati ikun entita governattiva.*
>
> *24. Illi ghalkemm l-ghan illi l-Gvern jigi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tieghu sabiex jinghata l-opportunita li jirrmedjahom huwa wiehed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita` imposta f'dan l-artikolu anke ghall-icken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti izda aghar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formalizmu eccessiv, twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-ghan illi dan l-artikolu huwa intiz li jservi u tiehu aktar is-sura ta' ostakolu ghall-otteniment ta' rimedju da parti tac-cittadin ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta'*

*nullita` prevista mill-ligi, mehuda flimkien mal-formalizmu esagerat li bosta drabi jigi adoperat mill-qrati, iwassal ghar-riskju mhux biss ta' multiplicita tal-kawzi, li suppost qed jigu evitati permezz ta' dan l-artikolu, izda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da parti tac-cittadin li kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar il-fuq huwa impermissibli ghaliex limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghall-qorti ma jistghux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawzi ta' stharrig gudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq ic-cittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni fil-mertu ma tigi mistharrga qatt.*

*25. Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi hemm sproporzjon bejn il-konsegwenza tan-nuqqas ta' adezjoni mar-rekwiziti tal-Artikolu 460, u cioe` n-nullita` tal-att, u l-ghan legittimu illi dan l-artikolu huwa mahsub sabiex iservi. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 460 jista' jwassal ghal lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-access ghal qorti ghandha tigi kkonfermata, ghalkemm dan limitatament ghar-ragunijiet spejgati f'din is-sentenza."*[26]

16. Kwantu għall-fatt li dawn huma proċeduri ċivili u mhux kostituzzjonali, fil-kawża fl-ismijiet **Ayman Khalaf v. Il-Prim Ministru ta' Malta**[27], fejn kienet ukoll tqajmet il-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' notifika skont l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12, din il-Qorti qalet:

*"Għalkemm dan l-insenjament kien in konnessjoni ma' kawża kostituzzjonali l-iskop wara Art. 460 hu li jagħti lill-Gvern l-opportunita` li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur u sabiex ikun jista' jindirizza l-ilment tal-attur qabel issir il-kawza.*

*Dak l-iskop intlaħaq bir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għalhekk il-Gvern m'għandux jingħata vantaġġ bla bżonn.*

*Dan hu provvediment li jagħti opportunita` lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullita` ta' kawża, u għandu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv. Speċjalment f'kawżi fejn il-Gvern jiġi mħarrek f'kawża dwar stħarriġ ta' għemil amministrattiv".*

[26] Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020.
[27] Deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022.

17. L-istess prinċipju kien imtenni fis-sentenza riċenti ta' din il-Qorti, **Godfrey Ciangura v. Ministeru Tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et**[28]:-

> *"20. Fil-każ tal-lum ma kien ġie preżentat l-ebda att ġudizzjarju kontra l-Gvern qabel l-attur fetaħ il-kawża. Madankollu jibqa' l-fatt li mill-ittri legali li ntbagħtu fl-interess tal-attur ...*
>
> *... l-awtoritajiet altru milli kienu jafu x'inhi l-pretensjoni tiegħu u kellhom biżżejjed żmien sabiex jindirizzaw l-ilment tal-attur. L-awtorità rrifjutat il-ħruġ tal-permess. Ħadet deċiżjoni u saħansitra kkonfermata ftit żmien wara. ... hu evidenti li ferm qabel l-attur fetaħ il-kawża, il-Gvern kien jaf x'inhu l-ilment tal-attur iżda s-sitwazzjoni ma nbidlitx tant li l-attur baqa' mingħajr pass. Mir-raba' eċċezzjoni tat-tweġib maħlufa, hi wkoll ċara l-pożizzjoni tal-awtoritajiet li l-attur mhuwiex persuna idoneja li jkollha OMAS pass biex bih ikun jista' jidħol f'partijiet sensittivi tal-ajruport, u dan minħabba preċedenti penali u l-gravità tagħhom. B'hekk skont il-konvenuti mhuwiex persuna affidabbli.*
>
> *22. Għalhekk fir-realtà, ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel l-attur fetaħ il-kawża, ma kienu ser jibdlu xejn. Apparti l-fatt li żgur li l-kawża li fetaħ l-attur ma setgħetx tieħu lill-awtoritajiet b'sorpriża, u altru milli kellhom biżżejjed żmien biex jippreparaw ruħhom għall-pretensjoni tal-attur sa minn qabel fetaħ il-kawża.*
>
> *23. Fiċ-ċirkostanzi, l-appell tal-attur ser jintlaqa' peress li l-applikazzjoni tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 iwassal għal dak l-isproporzjon li jissemma f'paragrafu 25 tas-sentenza* ***Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et****".*

18. Stabbiliti l-prinċipji applikabbli, fil-każ tal-lum jirriżulta illi b'ittra tas-27 ta' Ġunju 2019[29], u allura qabel infetħet il-kawża (3 ta' Diċembru 2019), l-attur kien diġà kkontesta d-deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2019. F'dik l-ittra l-avukat li jassisti lill-attur kiteb hekk:

> *" ... nirreferi għall-ittra tiegħek datata 3 ta' Ġunju 2019 u ngħarrfek li l-klijent tiegħi qed jikkontesta d-deċiżjoni tiegħek dwar il-pensjoni/somma u dan għaliex l-klijent tiegħi ma kienx sospiż dwar il-proċeduri li inti qed*

[28] Deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' April 2024.
[29] Fol. 722.

*tirreferi għalihom iżda kien sospiż fuq proċeduri oħra li effettivament minnhom kien illiberat;*

*Illi s-sentenza li ġie liberat minnha [per Maġ. Trigona 21 ta' Ġunju 2017] kien sar appell minn l-Avukat Ġenerali [cioe ma' jissospendix l-effetti ts-sentenza] u għalhekk nifhem li huwa l-każ li d-deċiżjoni tiegħek tiġi riveduta";*

19. Jirriżulta wkoll[30] li b'reazzjoni għal dik l-ittra, id-Deputat Kummissarju ta' dak iż-żmien talab id-direzzjoni tal-Kummissjoni u, b'ittra tas-17 ta' Lulju 2019 wieġbet fis-sens li s-sospensjoni kienet b'referenza għaż-żewġ każijiet kriminali u mhux biss l-ewwel fosthom. Abbażi ta' hekk, fl-24 ta' Lulju 2019 il-Kummissarju konvenut reġa' tenna l-pożizzjoni lill-attur.

20. Għalhekk qabel infetħet il-kawża:

20.1. B'ittra legali, l-attur kien diġà fisser lill-Kummissarju l-pretensjoni li eventwalment ressaq fil-kawża in eżami;

20.2. Il-Kumissarju kkonsulta mal-Kummissjoni dwar hekk; u

20.3. Finalment, ġiet konfermata d-deċiżjoni li kienet diġà ttieħdet.

[30] Fol. 1153.

21. Għalhekk, ma jirriżultax illi n-nuqqas ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel l-attur fetaħ il-kawża, kien ser ibiddel xi ħaġa jew li b'xi mod kien ta' preġudizzju għall-konvenuti.

22. Fiċ-ċirkostanzi, in-nullità tal-kawża minħabba nuqqas ta' aderenza mal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 hi sporporzjonata meta wieħed jikkunsidra l-għan wara l-proċedura li hemm f'dik id-dispożizzjoni.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata tat-22 ta' Novembru 2023, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża. L-ispejjeż tal-Ewwel Qorti u tal-Appell huma a karigu tal-konvenuti.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm